## AVVIŻI

1. Il-Ħadd 1 u 15 ta' Lulju 2001 fis-6.30p.m.
Il-Ħadd 5 u 19 ta' Awissu 2001 fis-6.30p.m.
Il-Ħadd 2 ta' Settembru 2001 fis-6.00p.m.
Il-Ħadd 16 ta' Settembru 2001 fil-5.30p.m.
Il-Ħadd 7 u 21 ta' Ottubru 2001 fil-5.00p.m.
Ikun hemm transport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mheġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, c/o 16, Triq San Ġakbu, Siġġiewi.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej:
http://www.elanguest.com/girgenti/

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 47 LULJU 2001 JITQASSAM BLA ĦLAS



*Waqt il-laqgħa ta' Mejju 2001*

## EGĦLUQ IL-ĦMISTAX-IL SENA

Għaddew ħmistax-il sena minn meta b'tant ħeġġa u devozzjoni Ġuża Mifsud tellgħet l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti. Dak iż-żmien meta xi ħadd kien staqsa lil Ġuża jekk kellhiex permess biex ittellgħa din l-istatwa, b'konvinzjoni kbira kienet wieġbet li l-permess kienet tathulha l-Madonna għaliex kienet il-Madonna stess li qaltilha biex tagħmel l-istatwa tagħha hemm fuq.

Għal din l-okkażżjoni l-Kumitat, Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni, organizza laqgħa li għaliha attendew ħafna u ħafna devoti tal-Madonna.

*Ikompli f'paġna 5*

# ĠUŻA MIFSUD U L-BEATU DUN ĠORĠ PRECA

Il-Beatu Dun Ġorġ Preca kellu sehem importanti ħafna fil-ħajja u fil-missjoni ta' Ġuża Mifsud. Ġuża tirrakkonta hekk: "L-ewwel darba li jiena mort għand Dun Ġorġ Preca kien qiegħed iqarar il-Ħamrun fil-Knisja ta' San Gejtanu u għidtlu, 'Jiena ġejt għandek illum biex tagħmilli qrara ġenerali.' Hu staqsieni fejn inqerr issoltu u jiena għidtlu li kont inqerr għand Dun Ġorġ Mercieca. Għidtlu li dan Dun Ġorġ Mercieca, il-konfessur tiegħi ma riedx jagħmilli din il-qrara u Dun Ġorġ Preca qalli, 'Dun Ġorġ Mercieca ma għamilhilekx din il-qrara; u kun af li lanqas Dun Ġorġ Preca mhu ħa jagħmilhielek. Din il-qrara tagħmilha mkien, int lanqas kapaċi tagħmel dnub venjal, aħseb u ara dnub mejjet. U peress li qed tgħidli li l-konfessur tiegħek hu Dun Ġorġ Mercieca aħjar, għax aktar insir nafek.'

F'dak iż-żmien kienet mietet waħda soċja tal-Mużew u dan Dun Ġorġ qalli, 'Nixtieq tieħu postha u ssir membru tal-Mużew.' Qbiżt jien u għidtlu, 'Jien ili ħafna b'din il-ħajra imma Dun Ġorġ Mercieca jgħidli li ma jgħoddx għalija u ma jridnix immur hemm ġew.' Qalli, 'Brava li għidtli li hu qallek hekk għax issa lanqas jiena ma rridek li tidħol fil-Mużew.'

Meta kelli l-kuntatt mal-Madonna jiena mort għand Dun Ġorġ Mercieca u għidtlu bl-affarijiet li jiena kelli f 'dik il-ġimgħa bil-lejl. Hu qalli, 'Jiena ħa nibda nitlob għalik ħafna aktar milli kont nitlob u ibda ikteb dawn l-affarijiet li qegħdin jgħaddu minnek bħalissa.' Imma jiena għal xi parir kbir kont immur ukoll għand Dun Ġorġ Preca u lil dan għidtlu b'dan il-messaġġ u meta beda jifhimni staqsejtu, 'bħala mara x'nista' nagħmel?' Hu weġibni: 'Bħala mara tista' taħdem ħafna u ħafna u tista' tagħmel ħafna ġid. Tibża' minn ħadd, qawwi qalbek, la tibża' minn ħadd, għax jiena naf x'kalvarju għaddejt min-naħa tal-Knisja meta ftaħt il-bibien tad-duttrina. U inti wkoll ħa tgħaddi minn Kalvarju kbir ħafna. Rigward min-naħa tal-Knisja ħa tbati ħafna u anka min-naħa ta' xi ħaġa oħra wkoll ħa tbati għax fil-ġejjieni tiegħek ħa ssib ħafna nies b' nuqqas ta' fidi li ma jemmnux f'Alla. Ha jkollok ħafna ntoppi imma ħadd mhu ħa jagħmillek xejn għax miegħek hemm l-Id t'Alla u tal-Madonna li qegħda tispiralek u ġġiblek dawn il-viżjonijiet.

Agħmel fidi kbira f'Alla, qawwi qalbek, tibża' minn ħadd, kun sempliċi u umli u jiena ħa ngħidlek binti, u nbierkek b'idejja t-tnejn, illi ħadd m'hu ħa jagħmillek xejn, għaliex id-dgħajsa ta' San Pietru li waqqaf Kristu meta kien fid-dinja, bil-mewġ kollu tal-baħar li kellha kontrieha, ħadd ma jista' jfarrakha. Inti bniedma li għadek magħluqa u ma jaf bik ħadd, imma jiena qed inħossni li qed inkun ħafna ispirat fuqek u fil-ġejjieni permezz tal-Madonna illi tagħha qed ikollok ħafna kuntatti, kemm f Malta u fid-dinja kollha ħa jsir ħafna ġid kemm spiritwali u kemm temporali.'

Meta, ftit wara, jiena għidtlu li rajt is-Sinjura tal-Ħajja, Dun Ġorg Preca kien qalli li jaf ħafna affarijiet, 'u l-Madonna mhix ser tieqaf hawn miegħek. Jiena lil Ġesù fit-tqarbin qiegħed noħodlu rasu fuqek.' Jiena meta kont qed inkellmu qabadni ftit tal-bard imma offrejtu lill-Madonna. Qalli, 'Il-Mulej ħa jinqeda bik'. Jien għidtlu, 'Dun Ġorg, imma inti ma taranix li jiena dgħajfa ħafna għal dawn l-affarijiet.' Qalli, 'Jiena ħa ngħidlek biex tħalli kollox fl-Id tal-Providenza t'Alla għax Alla jinqeda b'min irid. Ftit ġranet ilu sirt naf li Ġesù qiegħed jinqeda bik biex tikkonverti l-erwieħ.'"

Ġuża tgħid li Dun Ġorġ kien strumentali wkoll fi proposta li kienet saritilha sabiex hi tidħol soru. Hija tgħid li meta darba hi u ommha marru jaraw lil ħuwha Karmnu, fetħilhom il-bieb ta' Loyola House, ċertu Patri Emvin Busuttil. Dan qal lil ommha, 'Ħalli mmur inġiblek lil Karmnu, inti oqgħod kellem lil Karmnu u jien inkellem lil Ġuża'.

Ġuża tkompli tgħid hekk, "Dan mar ġab lil Karmnu li qagħad jitkellem ma' ommi fil-kamra ta' barra. Meta konna waħedna dan Patri Busuttil, illum mejjet, qalli, 'Ġuża illum ħa nkellmek ħafna ċar, aktar mis-soltu. Issa ommok u missierek dalwaqt imutu u inti ħa tisfa waħdek'. Jien qbiżt u għidtlu, 'Dan jien naf bih'. Hu qalli, 'Jiena ċert illi inti, għandek tmut b'libsa ta' reliġjuża', u jiena li f'dak iż-żmien kelli xi ħaġa fuq tletin sena, għidtlu, 'Ma tarax, issa xjaħt u minhiex tajba biex immur soru.' Qalli, 'Xjaħt għax għandek tletin sena! Jien ħa ngħidlek li ntik ċans li jmutu ommok u missierek u mbagħad anka ta' sittin sena nibagħtek soru'. Jien għidtlu, 'Ha tagħmilli ħafna nkwiet għax donni ma nafx xqegħda nħoss.'

Hu sejjaħ lil ommi u ġie hija u hija lanqas tant ħa gost bil-proposta li qallu l-Father. Qallu, 'Issa jinstarmu kemm ommi u missieri'. Ommi qaltlu, 'X'għamiltilna, illum tajtni daqqa ta' sejf kbir f'qalbi. Jekk twarrab Ġuża jiena mmur l-Ingieret, għaliex Ġuża hija l-bastun u l-id il-leminija tiegħi'. Patri Busuttil qalilha, 'Veru li hu hekk, imma m'aħniex ser inħallu lil din it-tifla waħedha. Hemmhekk tkun miġbura u ma jonqosha xejn'."

Ġuża tgħid li hi u ommha kellmu lil bosta saċerdoti dwar din il-biċċa xogħol fosthom il-kappillan tal-parroċċa, ċertu Dun Nikol Aquilina li qal lil ommha, "Jien stess ħa mmur inkellmu għax Ġuża għandha biżżejjed appostolat kbir". Imma għal Ġuża dan ma kienx biżżejjed u tgħid li: "Xi tlett ijiem wara qbadt u mort għand Dun Ġorġ Preca u dan qalli: 'Ħalli f'idejja għax ħa nibgħatlu ittra u ngħidlu l-ħarufa tagħna tas-Siġġiewi li tant għandha merħla kbira x'tirgħa, ħallihielna bi kwietha'. Imbagħad tant waqgħet kuntentizza kbira fuqi, fuq ommi u fuq missieri għax ħassejt li dan kien dak li Alla jrid minni."

Ġuża tgħid ukoll, "Ommi mietet ta' wieħed u tmenin sena b'attakk tal-qalb u xi ħamest ijiem wara ġie Dun Ġorġ Preca u qalli, 'Il-mewt nistgħu noħduha b'rigal meta ngħixu għal Alla u dan għal ommok kien l-akbar rigal għax iltaqet m'Alla. Ommok kienet timxi bil-kuruna ġol-but tgħid ir-rużarju... Issa jiena ħa nissuġġerilek li tħalli x-xogħol kollu tiegħek ta' appostolat, tħalli l-kongregazzjoni, ħalli li inti delegata tal-morda, ħalli u għidilhom li dan qed ngħidulek jiena. Il-Mulej Alla ta' l-Eżerċiti flimkien mar-Reġina tas-Sema li inti tant tħobb u ilek ħafna bil-kuntatt magħha ħa jkomplu juruk dik il-missjoni li ppreparatlek minn qabel ma' ġejt fid-dinja. Ma jgħaddix żmien twil illi dana l-kliem li qed ngħidlek ma tiġix fih'."

# VIŻITA LIL QALB TA' ĠESÙ

## (komposta minn Ġuża Mifsud)

Twajba Madonna, aħna hawn fuq niġu għax inħobbuk, hawn fuq niġu għax nirrispettawk. Hawn fuq aħna niġu għażiża Madonna għax irridu nagħtu ġieħ lil kbir Alla, nagħtu ġieħ lill-Mulej Ġesù u nagħtu ġieħ lill-Ispirtu s-Santu għal dak kollu li qiegħed jagħmel magħna. **Glorja lill-Missier...**

Inħobbuk Mulej għax bħalek ma hawnx. Inti qiegħed tgħinna f'ħajjitna biex meta mmutu u nispiċċaw minn dan il-wied tad-dmugħ niġu nagħtu glorja lilek. Nagħtuk glorja, nagħtuk l-imħabba għaliex Inti l-imħabba tagħna, għaliex Inti it-tama tagħna, it-tarka ta' ħajjitna. **Glorja lill-Missier...**

Maħbub Ġesù Inti tinsab f'dik l-Ewkaristija, f'dika l-Ostja bajda, imbierka, immakolata sabiex taħsbilna għall-għejxien ta' ruħna. Dik veru il-ħobż tas-sema, il-ħobż ta' dejjem, li ma jispiċċa qatt. Bħalma l-ġisem ikun irid jitrejjaq bil-ħobż li jkun ġej mill-qamħ, hekk ir-ruħ għandha bżonn dan l-ikel li ġej mill-frott ta' Bin il-bniedem, din l-ostja divina, l-ostja mqaddsa, l-ostja mmakolata, ħobż tas-sema, ħobż ta' l-anġli li ma jispiċċa qatt. **Glorja lill-Missier...**

Spirtu s-Santu, spirtu tal-kbir Alla l-ħaj, kattar f'qalbna, f'ruħna, fil-kuxjenza tagħna il-fidi, t-tama u l-imħabba. Tabbandunana qatt O Spirtu s-Santu Alla, tħallina qatt, għax Inti trid twassalna sal-bieb tas-sema, sal-bieb ta' l-eternità. **Glorja lill-Missier...**

Alla Missier, Alla glorjuż, Alla kbir, Alla qawwi, Alla mmortali, Ġesù li għalina ħadt il-passjoni, Ġesù li għalina ħadt mewta l-aktar kiefra fuq dik l-injama tas-salib, ikollok ħniena minna, ikollok ħniena mill-Maltin u l-Għawdxin kollha, ikollok ħniena minn fejn hemm il-gwerer u l-għlied u l-intoppi u ħafna żerriegħa ta' mibegħda lejn xulxin. Nitolbu għar-rappreżentanti tal-ġnus illi uħud minnhom m'humiex jużawh lil kbir Alla Missier, flimkien ma Ibnu Ġesù, flimkien ma l-Ispirtu s-Santu, flimkien mar-Reġina tas-sema u l-art. Jalla l-Madonna tal-Konsagrazzjoni, il-Madonna tal-Girgenti tagħtina l-grazzja li kemm f'Malta u fid-dinja ikollna l-paċi. **Glorja lill-Missier...**

Għażiża Madonna tal-Konsagrazzjoni, għażiża Madonna li inti meqjuma fl-inħawi tal-Girgenti, għinna biex inkabbru l-fidi tagħna lejn il-Missier, lejn l-Iben, lejn l-Ispirtu s-Santu, lejn is-sema kollha, li nkunu fil-grazzja t'Alla u li nkunu kuntenti. **Glorja lill-Missier...**

Mulej Alla ta' l-Eżerċiti, Inti qiegħed tagħmel magħna ħafna affarijiet sbieħ. Ta' dan nirringrazzjawk ħafna, nagħtuk qima u nagħtuk glorja. Ġesù qaddis,



Ġesù ħanin, Inti wrejt magħna ħniena l-aktar kbira meta ħadt passjoni hekk kiefra fuqek: sawtuk, inkurunawk bix-xewk, lestewlek l-imsiemer u lestewlek salib biex tiġi mneħħija ħajtek. Iżda Inti tlabt lil kbir Alla l-Missier biex ikollu ħniena minn dawk li qegħdin jagħmlulek dawna l-inġustizzji f'ġismek. Saħansitra wasalt biex anka neħħewlek ħwejġek u dan Inti għamiltu biex aħna qatt ma naqgħu fid-dnub ta' l-impurità, fid-dnub li bih noffendu lill-kbir Alla u Lilek. Għinna biex nieħdu b'eżempju tagħna lill-Madonna li dejjem kienet mara modesta, mara ta' eżempju l-aktar kbir fi ħwejjiġha, f'għemilha u f'dak kollu illi ried il-kbir Alla li jgħaddi minnha. **Glorja lill-Missier...**

Mulej, nitolbuk għall-qdusija fis-saċerdoti għax hawn xi saċerdoti illi huma ta' rieda ħażina. Malli jinżlu minn fuq l-artal imorru jiġru wara l-kurrent tad-dinja u ma joqogħdux jirriflettu u jagħmlu meditazzjoni fuq kemm iħobbhom il-Mulej Alla u kemm iħobbhom il-Mulej Ġesù. **Glorja lill-Missier...**

Alla Missier, Inti jisogħbik li tant trabi li jitnisslu kaġun tad-dnubiet kontra l-imqaddsa purità qegħdin jitneħħew bl-abort. Nitolbuk għall-ġenituri tagħhom biex jgħarfu li Ġesù ġie fid-dinja biex isalva r-ruħ ta' kull maħluq, filwaqt li huma qegħdin ineħħu dawn it-trabi innoċenti bl-abort. **Glorja lill-Missier...**

---

*Jaqbad ma' paġna 1*

Il-laqgħa bdiet b'pellegrinaġġ minn fuq it-Troll, li jiġi fit-tarf tat-triq il-qadima. Matul dan il-pellegrinaġġ, id-devoti tal-Madonna mxew wara l-bandalora u l-Kurċifiss u rreċitaw ir-rużarju tal-ferħ.

Meta l-ġemgħa waslet fl-'għalqa' tal-Girgenti, indaqq l-innu tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u Mons. Amante Buontempo għamel diskors ta' introduzzjoni. Il-laqgħa kompliet bil-viżita lill-Madonna li kienet ikkomponiet Ġuża stess u t-talba tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni.

Fr. Victor Xuereb, Ġiżwita, għamel diskors ta' l-okkażżjoni u l-laqgħa kompliet biċ-ċerimonja tal-qanpiena, messaġġ b'leħen Ġuza Mifsud minn fuq recorded tape, it-talb lil San Ġużepp u San Mikiel u l-barka saċerdotali.

Matul il-laqgħa tkantaw diversi innijiet minn Isabel Bianchi fosthom l-Ave Maria, Salve Regina, Panis Angelicus, Walk with God, Amazing Grace u fil-Ħlewwa ta' Mejju.

**DIJKARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*

# GRAZZJI MAQLUGHA

Minn ittra ta' Marthese Vella:
Jiena u żewġi wasalna Malta minn Toronto nhar l-Erbgħa 8 ta' Novembru 2000 wara nofsinhar. It-Tlieta, 14 ta' Novembru filgħodu bdejt insofri minn uġigħ kbir fl-istonku. Dik illejla wara l-knisja morna għand ħu r-raġel. Kont muġugħa ħafna u la kilt u lanqas xrobt minn dak li offrietli l-mara ta' ħu r-raġel. Sas-Sibt l-uġigħ kien sar insopportabbli. Għamilt it-tmien siegħat tal-lejl nokrob u nitlob għal ftit mistrieħ.

Filgħodu r-raġel, qalli biex infittex għajnuna medika. Ħassejtni ma niflaħx u għajjiena. Kont determinata li rrid nattendi għat-talb il-Girgenti minkejja li l-vjaġġ huwa ta' strapazz. Meta l-Girgenti staqsewni kif jien, weġibt li qisu kien sar miraklu miegħi għaliex dak il-ħin indunajt li l-uġigħ kien għaddieli għal kollox. Sallum ma kelli ebda sinjal ta' uġigħ. Il-Ħadd billejl irqadt illejl kollu. Ma nieqafx nirringrazzja lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni għall-imħabba kbira li għandha lejja. It-talb għandu qawwa kbira. Nirringrazzja l-Mulej għall-ammont kbir ta' grazzji li tefa' fuqi u fuq il-familja tiegħi kollha.

**M.** Zammit minn Birkirkara kitbet hekk:
Qabadni uġigħ fil-hip u ma stajtx nimxi. Ġibt it-tabib u meta rani qalli li għandi ksur fil-hip. Jiena u oħti tlabna ħafna lill-Madonna. Dakinhar kien l-ewwel Sibt tax-xahar u kieku kelli l-ksur oħti ma kinitx tattendi għal-laqgħa tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Mill-X Ray irrizulta li ma kellix ksur. Fraħt u għidt grazzi lill-Madonna. Kelli attakk ta' l-altrite u bidu ta' xatka. Sa injection ħadt u tatni taqliba, iżda bil-għajnuna tal-Madonna inħossni ħafna aħjar. Il-Ħadd ta' tliet ġimgħat wara ħriġt għall-quddies. Ngħid grazzi lill-Mulej u lill-Ommu Marija.

**G.** Casha minn Għawdex bagħtet tgħidilna li tirringrazzja lil Alla u lil Ġuża Mifsud għal grazzja li qalgħet.

**P.** Abela tirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti għaliex kellha z-zokkor u fieqet. Kienet qed tibża' li ser jaqtgħulha sieqha.

**C.** Bonnici kitbet hekk: "Jiena għandi wieħed u erbgħin sena. F'Novembru tas-sena 2000, it-tobba ħasbu li l-cancer li kelli tmien snin qabel reġa' feġġ, din id-darba f'ħalqi. Kultant kont inkun muġugħa ħafna u l-pilloli ma kinux jgħinu.

Ommi tatni flixkun ilma tal-Madonna tal-Girgenti. Kont nagħmel minnu ma' wiċċi u l-uġigħ kien jonqos ħafna. F'Jannar 2001 tlajt Londra fejn għamilt operazzjoni serja biex dan it-tumur jitneħħa. Jiena bqajt nagħmel l-ilma tal-Madonna ma' wiċċi. Fi Frar irriżulta mill-patoloġija li saret wara l-operazzjoni li hemm biss imfjammazzjoni serja, iżda l-ebda traċċa ta' cancer.



Jiena rrid nirringrazzja l-Madonna ta' din il-grazzja li jien lanqas biss kont tlabtha. Kont nitlob biss li jonqosli l-uġigħ u li l-affarijiet ma jmorrux għall-agħar."

**Lina Callus mill-Qrendi kitbet hekk:** "Jiena Lina Callus nirringrazzja lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni għall-grazzji maqlugħa b'mod speċjali fir-rigward tal-marda li ġiet djagnostikata lill-ommi Evelyn Micallef mill-Professur Buhagiar.

Għal dawn l-aħħar tliet snin u nofs ommi kienet issofri minn uġigħ kbir f'ġisimha kollu u kellha tibla' ħafna mediċini. Wara li sar talb fil-Girgenti u wara li ħadnieha għand professur apposta għal din il-marda u wara li saru t-testijiet barra minn Malta irriżulta li ma hemmx din il-marda hekk gravi u li ommi kienet imnikkta ħafna minħabba fiha. Ommna Marija qatt ma naqset li tagħti l-faraġ ta' vera omm kull meta ġejna għandha jew tlabnieha bit-talba sabiħa tar-rużarju. Nixtieq nirringrazzja b'mod speċjali lil Alla u l-Madonna għall-interċessjoni tagħha."

**C.C. minn Ħal Qormi qaltilna:** "Nixtieq nirringrazzja lil Alla u lil Madonna tal-Girgenti u lil Ġuża Mifsud għal grazzja kbira li qlajt bl-għajnuna tagħhom. Żewġi kien ilu ħmistax-il sena ma jkellem lil bintu. Jiena ktibt ittra u permezz tal-programm "Tista' Tkun Int" jiena irnexxieli nressaq lil żewġi lejn bintu u nagħmilhom ħbieb. Nispera li jkunu ħbieb għal dejjem.

Kont imbeżża' ħafna għax ma kontx naf kif kien ser joħodha żewġi. Hu ma kien jaf xejn x'kont għamilt jien. Tlabt ħafna lill-Madonna. Hi kienet miegħi tagħtini l-kuraġġ u kollox mar sew.

Żewġi feraħ ħafna u jinsab kuntent. Qabel dejjem kont naraħ inkwetat.

Nirringrazzja ħafna lil Alla, lill-Madonna tal-Girgenti u lil Ġuża Mifsud għal paċi li nxterrdet fuqna."

**R. Spiteri mill-Belt:** "Fl-14 ta' Frar qabadni uġigħ taħt żaqqi u t-tabib qalli li jekk ma nfieqx bil-pilloli jkolli nagħmel operazzjoni. Jiena tlabt lill-Madonna u għamilt ftit ilma mbierek ma' żaqqi. L-uġigħ marli għal kollox u ma kelli bżonn nagħmel l-ebda operazzjoni.

Fl-14 ta' Marzu 2001, it-tifel taħ attakk ta' l-asthma wara li kien ħa bronkite. Daħal l-isptar fl-ITU u dam ħamest ijiem f''koma. Jien tlabt lill-Madonna u kull darba li kont nagħmillu l-ilma mbierek fuq moħħu kien jiċċaqlaq u kważi jqum. It-tifel fieq bit-talb tagħna wkoll."

**M. Farrugia minn Birkirkara kitbet hekk:** "Jiena Marie Farrugia nirringrazzja lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni li skansatni minn disgrazzja ta' ħruq ikkaġunata minn electric blanket. Kelli s-santa tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni taħt l-imħadda u kienet hi li skansatni."

**N.N.** - Nirringrazzja lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u lil Ġuża Mifsud għal grazzja maqlugħa.